**283. Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, jipproponi:**

Billi skont id-dispożizzjoni tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 3 tal-Att dwar il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni (Kap. 326) il-Kummissjoni għandu jkollha Chairman, li jiġi maħtur mill-President ta' Malta li taġixxi skont Riżoluzzjoni tal-Kamra li tgħaddi bil-voti ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra;

Billi l-Imħallef Emeritu Lawrence Quintano għandu l-kwalifiki biex jinħatar bħala Chairman tal-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni;

Din l-Kamra tirrisolvi li titlob lill-President ta' Malta biex, skont l-Artikolu 3 tal-Att dwar il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni, jaħtar lill-imsemmi Imħallef Emeritu Lawrence Quintano bħala Chairman tal-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni.

10.07.2024